# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.**

**Illum, l-Erbgha 6 ta' Gunju, 2001.**

**Kawza Nru. 36.**
**Citazz. Nru. 2175/00 JRM**

**Marisa TASCA**

**vs**

**Id-DIRETTUR tar-REGISTRU PUBBLIKU**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni mressaq fid-29 ta' Settembru, 2000, li bih l-attrici ppremettiet:

Illi l-attrici fuq ic-certifikat tat-twelid taghha estratt numru tmien mija u erbgha u sebghin tas-sena elf disa' mija u sebghin (874/1970) fil-kolonna intestata "Isem u Kunjom u post tat-twelid

ta' l-Omm" hemm imnizzel isem ommha bhala Sylvia Caruana u dan skond l-anness dokument immarkat bhala Dok. A;

Illi isem omm l-attrici huwa Salvina u dan skond ma jirrizulta mic-certifikat tat-twelid ta' l-istess, hawn anness u mmarkat bhala Dok. B, u mhux kif erronjament indikat fic-certifikat tat-twelid ta' l-attrici (Dok. A);

Ghalhekk l-attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara illi fl-att tat-twelid ta' l-attrici f'dik il-parti tac-certifikat fil-kolonna intestata "isem u kunjom u post tat-twelid ta' l-Omm", hemm zball u li isem ommha ghandu jkun Salvina u mhux Sylvia;

2. Tordna lill-konvenut sabiex fic-certifikat tat-twelid fuq specifikat, issir id-debita korrezzjoni, kif jinghad fl-ewwel talba fuq maghmula;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attrici flimkien maz-zewg (2) dokumenti mehmuzin maghha;

Rat in-Nota tal-konvenut imressqa fis-16 ta' Novembru, 2000, li biha eccepixxa:

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti kif dikjarati fic-citazzjoni odjerna u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-att tat-twelid numru 874/1970 mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-konvenut;

Rat l-atti kollha tal-kawza, fosthom l-inkartament tal-Avukat ghall-Ghajnuna Legali [pagni 14 sa 23 tal-process, partikolarment it-tliet (3) dokumenti mehmuza mieghu] u c-certifikat imressaq b'Nota tal-24 t'April, 2001 [pagni 33 u 34 tal-process];

Rat l-Avviz pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ghall-finijiet tal-artikolu 254 tal-Kodici Civili, ghal liema avviz ma tressqet l- ebda kontestazzjoni fiz-zmien stabilit mil-ligi;

Semghet ix-xiehda tal-attrici;

Semghet lill-Avukat tal-attrici;

Rat id-Degriet taghha tal-10 ta' Mejju, 2001, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza;

## *Ikkunsidrat:*

Illi din il-kawza saret ghax isem omm l-attrici fl-Att tat-Twelid tal-attrici li jgib in-numru 874/1970 [pagna 18 tal-process] huwa registrat b'mod zbaljat ghax differenti mill-isem moghti lill-omm fl-Att tat-Twelid taghha u f'atti ohrajn ta' Stat Civili;

Illi l-attrici ressqet provi kemm bil-mezz ta' dokumenti u kif ukoll b'xiehda diretti biex twettaq dak li qeghda titlob;

Illi fil-kaz tal-ewwel ghamla ta' provi, ressqet kopja legali tal-Att tat-Twelid ta' ommha [Dok "B" f'pagna 19 tal-process] u kif ukoll dak tal-Att taz-Zwieg bejn ommha u missierha [Dok "C" f'pagna 20]. Fiz-zewg dokumenti jinghad li isem l-attrici huwa "Salvina";

Illi, fi kliem il-ligi, certi provi mressqa b'dokumenti huma ammissibbli bla htiega ta' ebda prova ohra dwar l-awtenticita' taghhom u, sakemm ma jigix muri xort'ohra, huma prova ta' dak li jidher minnhom innifishom [art 627 tal-kap 12 u 252 tal-Kap 16]. Fost l-imsemmija dokumenti hemm ic-certifikati mahruga mill-Ufficcju tar-Registru Pubbliku [art 627 (f) tal-Kap 12 u 252 (2) tal-Kap 16];

Illi, fil-kaz tat-tieni ghamla ta' provi, xehdet omm l-attrici nnifisha li tenniet li matul hajjitha kollha dejjem issejhet bl-isem ta' "Salvina", kif issemmiet mill-genituri taghha;

Illi, ukoll skond ma jixhed u juri l-Att tat-Twelid tal-attrici, d-dikjarazzjoni tat-twelid saret minn missierha stess;

Illi, fit-tieni eccezzjoni tieghu, il-konvenut jghid li hu ma kien jahti bl-ebda mod ghall-izball li l-attrici f'din il-kawza qeghda titlob li jissewwa. Min-naha taghha, l-attrici ma ressqet l-ebda xhieda biex turi li l-imharrek kien jahti jew li missierha kien iddikjara xi haga differenti minn dak muri fl-Att innifsu, kif kien dmir taghha li taghmel jekk riedet tipprova l-kuntrarju ta' dak li jidher mill-Att innifsu. Ghalhekk, ghal dak li jirrigwarda l-kap tal-ispejjez, irid jinghad li ma ntweriex li l-imharrek jahti ghall-izball;

## *Ikkunsidrat:*

Illi l-bidla f'Atti ta' Stat Civili hija mahsuba mil-ligi kemm ghall-beneficcju tal-persuna koncernata, u kif ukoll fl-interess tat-terzi, u

hija f'dawn il-limiti li l-legislatur ried li l-Qorti tqis talbet ghat-tiswija jew annotazzjonijiet f'atti bhal dawn;

Illi, fil-kaz presenti, l-Qorti tqis li t-talba attrici hija mahsuba biex isem ommha jkun konformi mal-isem moghti lil ommha fuq l-Att tat-Twelid taghha. In-nuqqas ta' qbil bejn iz-zewg ismijiet johloq pregudizzju mhux zghir fl-attrici, li issa hadet ukoll stat ta' zwieg;

Illi, minbarra dan, l-imharrek innifsu ma opponiex ghat-talba;

Illi fuq dan il-mertu wkoll, il-Qorti tqis li t-talba attrici jisthoqqilha tigi milqugha;

Ghalhekk, il-Qorti qeghda tiddeciedi din il-kawza billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attrici**, billi tiddikjara li fl-Att tat-Twelid taghha numru 874 tal-1970 hemm zball fis-sens illi, taht l-intestatura "*Taghrif dwar l-omm: Isem u Kunjom*", isem omm l-attrici ghandu jkun "Salvina" u mhux "Sylvia", kif jidher attwalment;

**Tilqa' t-tieni talba** u tordna li ssir it-tiswija tal-imsemmi zball f'dik l-intestatura;

Tordna, ghall-finijiet tal-artikolu 256 tal-Kodici Civili, li l-konvenut jigi notifikat b'kopja vera ta' din is-sentenza u li, fiz-zmien imsemmi minn dak l-artikolu, jaghmel it-tiswija mehtiega fl-Att tat-Twelid; u

Billi, kif inghad, ma ntweriex li l-konvenut jahti ghall-izball indikat, tordna li l-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-attrici.

6 *ta' Gunju, 2001.*

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**6 ta' Gunju, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**6 ta' Gunju, 2001.**